MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**

**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Numru. 501/2012

Il-**Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Christopher Borg**

**Id No 248873(M)**

**Illum 31 ta' Jannar 2013**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Christopher Borg** ta' 39 sena, iben John u Jane *nee*' Micallef, imwieled Attard nhar l-1 ta' Mejju 1973, detentur tal-karta tal-identita numru 248873(M) u residenti gewwa Karanne Hotel, Triq il-Kahli, San Pawl il-Bahar jew Haeven Lodge, Flat 10, Triq San Gorg, San Giljan, u nakkuzah;

Talli nhar l-10 ta' Mejju 2012, ghal habta ta' 04.00 a.m gewwa Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi f' dawn il-gzejjer:

1. Bil-hsieb li taghmel delitt urejt dan il-hsieb b' atti esterni u tghajt bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt u dan billi soqt vettura numru ta' registrazzjoni **KBP-231** ta' l-ghamla Jaguar ghal fuq Mohamed H. Alwaer u Ibrahim Almabruk Salem sabiex tikkagunalhom griehi ta' natura gravi, fejn id-delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghek u dan bi ksur ta' l-Artikolu 41(1)(a), 216 tal-Kap 9;

2. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Mohamed H. Alwaer u Ibrahim Almabruk Salem f'periklu car, ikkaguna hsara fil-

gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta’ natura hafifa u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 221(1) tal-Kap 9;

3. U aktar talli saq vettura numru ta’ registrazzjoni **KBP-231** ta’ l-ghamla Jaguar, b’manjiera perikoluza u traskurata u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65, tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli meta kien involut f’incident tat-traffiku naqas li jieqaf jaghti l-isem u l-indirizz tieghu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura, id-dettalji ta’ l-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew numru tar-registrazzjoni tal-vettura lill-Ufficjal tal-Pulizija, gwardjan lokali jew lil persuna, li jkollha raguni bizzejjed li titlob li jsir hekk u dan bi ksur ta’ Regolament 67(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11;

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ l-imputat;

Rat l-Artikoli 41(1)(a), 216 u 221(1) tal-Kap 9, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 u Regolament 67(1) ta’ l-LS 65.11;

Rat id-dokumentazzjoni kollha pprezentati;

Semghet ix-xhieda ta’ Ibrahim Almabruk Salem moghtija fil-11 ta’ Mejju 2012;

Semghet ix-xhieda ta' Mohammed Munirm moghtija fil-11 ta' Mejju 2012;

Semghet ix-xhieda ta' l-Ispettur Trevor Micallef u Dr Andre' Mercieca moghtija fis-16 ta' Mejju 2012;

Semghet ix-xhieda ta' Anthony Micallef u ta' PS 1184 moghtija fit-18 ta' Lulju 2012;

Rat illi fit-18 ta' Lulju 2012 tqabbad Dr Stefen Farrugia Sacco sabiex jirrelata dwar filmat prodott mill-Pulizija;

Rat illi fis-16 t'Ottubru 2012 Dr Stefen Farrugia Sacco halef ir-rapport minnu prezentat dak innhar stess;

Ikkunsidrat illi x-xhieda ta' Ibrahim Almabruk Salem u Mohammed Munirm bl-ebda mod ma jitfghu dawl dwar dak li attwalment gara u certament ma juri ebda provi 'l hinn mid-dubju kontra l-imputat;

Ikkunsidrat illi ghalkemm il-vettura li tidher fl-istills prodotti mill-espert Dr Farrugia Sacco, ossia 'stills' '2' u '3' tidher illi hija simili ghal dak ezaminat mill-PC 1184 fid-Dokument PC1, ma jidhirx ili hemm provi li juru li n-numru ta' registrazzjoni **KBP-231** hija n-numru tal-vettura li tidher fl-istills;

Peress illi ghalhekk ma ngabux provi sufficjenti sabiex il-kaz jigi ppruvat;

Fuq nuqqas ta’ provi tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------